Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0334

Ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta tal-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (N10-0060/2025 – C10-0268/2025 – 2025/0904(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol tat-23 ta’ Ottubru 2025 (C10-0268/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta’ interess wara l-impjieg fis-servizz pubbliku[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 135 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u

---

1 ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1094/oj.
2 ĠU C 23, 21.1.2021, p. 105.
3 Testi adottati, P9_TA(2020)0017.

Monetarji (A10-0247/2025),

A. billi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv attwali tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol jintemm fil-31 ta’ Marzu 2026;

B. billi, fit-23 ta’ Ottubru 2025, il-Bord tas-Superviżuri tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, wara proċedura tal-għażla miftuħa, ippropona li jaħtar lil Damian Jaworski bħala Direttur Eżekuttiv għal mandat ta’ ħames snin, f’konformità mal-Artikolu 51(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010;

C. billi, fis-6 ta’ Novembru 2025, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kellu seduta ta’ smigħ ma’ Damian Jaworski, li fiha hu għamel stqarrija preliminari u mbagħad wieġeb għal mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra ta’ Damian Jaworski bħala Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.